# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**Aġent President**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' April, 2023.**

**Numru 4**

**Rikors numru 339/94/4 AF**

**Anthony Mario Vella bħala direttur f'isem is-Soċjetà Chequers' Inn Operators Limited (C-11356)**

**v.**

**Francis sive Tarcisio Galea f'ismu propju u bħala direttur f'isem is-soċjetà Tarcisio Galea Construction Limited (C-8905)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni tat-3 ta' Awwissu, 2022, magħmula minn Chequers' Inn Operators Limited taħt l-**Artikolu 811 (a), (e), (k)** u **(l) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell li ġie maqtugħ minn din il-Qorti b'sentenza mogħtija fl-4 ta'

Mejju, 2022, wara li tiġi mħassra l-istess sentenza.

**Daħla**

2. B'ċitazzjoni ppreżentata lura fl-1994, il-kumpanija attriċi Chequers' Inn Operators Limited fissret li hija kienet tmexxi negozju fil-lukanda Chequers' Inn, fi Triq it-Trill, il-Qawra. Hija qalet li fid-9 ta' Diċembru, 1993, il-konvenuti b'mod illegali u bi vjolenza ħadulha l-pussess fiżiku ta' din il-lukanda u dan wassal biex hija ġarrbet ħafna danni għaliex tgħid li tilfet qligħ mit-tmexxija tal-lukanda, tilfet prenotamenti minn operaturi tal-ivvjaġġar, tilfet turisti barranin, ma setgħatx tonora rabtiet kummerċjali li kienet daħlet fihom, u kif ukoll intlaqtet ħażin fir-reputazzjoni tagħha. Minħabba f'hekk, hija talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tgħid li l-konvenuti ħolqulha danni bl-għemil tagħhom, biex tillikwida dawn id-danni u biex il-konvenuti jħallsuha dawn id-danni hekk likwidati.

3. B'sentenza mogħtija fil-11 ta' Jannar, 2017, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet dawn it-talbiet għaliex sabet, li għad li l-konvenuti ma kellhomx jedd li waħidhom jaqbdu u jtemmu l-ftehim li kellhom mal-kumpanija attriċi dwar il-lukanda u jieħdu l-liġi f'idejhom sabiex jieħdu lura l-pussess tal-istess lukanda, l-istess kumpanija attriċi naqset milli tressaq provi sodi biżżejjed biex turi li hija tabilħaqq ġarrbet danni minħabba dan l-għemil tal-konvenuti.

4. Il-kumpanija attriċi appellat minn din is-sentenza b'rikors tal-31 ta' Jannar, 2017, u saħqet li mhux minnu li ma ġabitx provi tajba dwar id-danni li ġarrbet b'riżultat tat-tkeċċija mil-lukanda.

5. Illi b'sentenza mogħtija fl-4 ta' Mejju, 2022, din il-Qorti b'Imħallfin differenti, laqgħet l-appell imressaq mill-kumpanija attriċi u qalet li l-konvenuti ħolqulha danni fl-ammont ta' €100,000 u għalhekk dawn għandhom jiġu mħallsa lilha.

6. Fl-għoti ta' dawn id-danni, din il-Qorti qieset dawn il-fatturi li ġejjin: (i) li ma jistax ikun li l-kumpanija attriċi ma ġarrbitx danni meta ngħalqet il-lukanda u tkeċċew it-turisti li kienu alloġġati hemmhekk; (ii) li l-kumpanija attriċi tilfet għall-inqas il-qligħ li kienet sejra tagħmel minn dawn it-turisti jekk mhux ukoll daħlet f'responsabbiltà lejhom; (iii) li għalkemm il-kumpanija attriċi investiet fl-arredament tal-lukanda, dan ġie paċut mal-kera li l-kumpanija attriċi kellha tħallas lill-kumpanija konvenuta sa Awwissu tal-1993, qabel seħħ l-ispoll f'Diċembru tal-1993; (iv) li b'sentenza mogħtija fit-18 ta' Ottubru, 2005, fil-kawża ***Francis Galea nomine v. Anthony Mario Vella nomine (Ċitazz. Nru. 1433/1994)***, li minnha ma sarx appell, il-Qorti sabet illi aktar minn benefikati l-kumpanija attriċi ħalliet ħsarat fil-lukanda u għalhekk l-kumpanija attriċi ma tistax tippretendi danni minħabba t-telf tal-investiment li għamlet fil-lukanda

minħabba li l-bilanċ huwa negattiv; (vi) li fis-sentenza mhux appellata[1] tat-18 ta' Ottubru, 2005, ħareġ li l-ftehim tal-okkupazzjoni tal-lukanda min-naħa tal-kumpanija attriċi ġie mwaqqaf fid-9 ta' Diċembru, 1993, għaliex ma ħallsitx il-kera bi ksur ta' klawsola 19(a) tal-ftehim, b'dana għalhekk li hija ma tistax tippretendi *lucrum cessans* wara Diċembru, 1993; (vii) li għalkemm il-provi setgħu tressqu b'mod aktar aħjar, huwa ċar li l-kumpanija attriċi ġarrbet telf ta' dħul li kien imiss lilha sa qabel seħħ l-ispoll u li kien hemm xi flus mid-dħul ta' kuljum, li nqabdu fil-lukanda meta seħħ l-ispoll; u (viii) li meqjus kollox huwa xieraq li l-kumpanija attriċi tirċievi €100,000, li huwa ftit inqas min-nofs l-ammont tas-somma li kienet qiegħda tippretendi bħala kumpens għad-danni mġarrba.

7. Fit-3 ta' Awwissu, 2022, il-kumpanija attriċi Chequers' Inn Operators Limited ressqet rikors fejn qalet li hemm raġunijiet tajba biżżejjed biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-4 ta' Mejju, 2022, tiġi mħassra u l-kawża tiġi ritrattata skont l-**Artikolu 811(a), (e), (k)** u **(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

8. Skont Chequers' Inn Operators Limited hemm lok għar-ritrattazzjoni minħabba għadd ta' raġunijiet differenti. Fl-ewwel lok, hija tgħid li seħħ qerq għaliex mhux minnu li bejn il-partijiet kien hemm xi ftehim ta' kirja tal-lukanda, anzi tgħid li hemm provi mill-atti ta' din il-kawża

[1] Fil-verità s-sentenza kienet ġiet appellata imma l-appell ġie abbandunat u ddikjarat bħala deżert.

u mill-atti tal-kawża 1119/90NA li juru li ma kienx hemm dan il-ftehim. Fit-tieni lok, hija ssostni li seħħ qerq ukoll għaliex ċerti atti ġew notifikati lilha f'indirizz differenti u kif ukoll għaliex hija qatt ma qabbdet lill-avukat tal-konvenuti sabiex iressaq risposta maħlufa fil-kawża numru 1119/90. Fit-tielet lok, tisħaq li din il-Qorti żbaljat ukoll il-fatti għaliex ma qisitx il-provi dwar l-ineżistenza tal-ftehim u ma qisitx ukoll il-provi dwar il-likwidazzjoni tad-danni li nġabu fl-atti ta' din il-kawża u fl-atti tal-kawżi 1119/90 u 1708/1993. Fl-aħħar lok, hija tgħid li l-Ewwel Qorti ma messhiex għalqet il-provi tagħha fil-25 ta' Ġunju, 2004, għar-raġuni li l-avukat tagħha kien ġie kwarta tard.

9. Għalhekk fuq is-saħħa ta' dawn ir-raġunijiet hija talbet lil din il-Qorti sabiex:

> *«i. Tħassar is-sentenza mogħtija mill-Onorevoli Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Mejju, 2022;*
>
> *ii. Tordna li ssir ritrattazzjoni tal-imsemmija ċitazzjoni skont il-liġi u dan a bażi tal-Artiklu 811 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta).*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra r-ritrattant li hu minn issa inġunt għas-subizzjoni.»*

10. Francis sive Tarcisio Galea f'ismu stess u bħala direttur ta' Tarcisio Galea Construction Limited wieġeb għal dan ir-rikors fis-7 ta' Settembru, 2022 u hemmhekk ta r-raġunijiet tiegħu għaliex it-talba ta' ritrattazzjoni mressqa minn Chequers' Inn Operators Limited imissha tiġi miċħuda.

11. Inżammet seduta fl-14 ta’ Marzu, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. L-azzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti hija waħda ta’ ritrattazzjoni. Chequers’ Inn Operators Limited qiegħda titlob biex tiġi mħassra sentenza, li biha din il-Qorti b’Imħallfin differenti, sabet li hija għandha titħallas mingħand il-konvenuti s-somma ta’ €100,000.

13. Fil-fehma ta’ din il-Qorti din l-azzjoni ta’ Chequers’ Inn Operators Limited ma hija mistħoqqa xejn. Anzi huwa evidenti kif ser naraw aktar ‘il quddiem li din l-azzjoni saret għal xejn b’xejn.

14. Ibda biex, din il-Qorti tinsab imħassba sew kif Chequers’ Inn Operators Limited ħasset li hemm lok ta' ritrattazzjoni fuq applikazzjoni ħażina tal-liġi skont l-**Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**, meta hija la indikat l-artikolu tal-liġi, li din il-Qorti suppost użat ħażin fis-sentenza ħażina, u wisq inqas ma indikat l-artikolu tal-liġi li suppost kellu jiġi mħaddem għall-każ.

15. Il-liġi tagħmilha ċara fl-**Artikolu 816 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta’ Malta** li min jitlob is-smigħ mill-ġdid ta’ kawża fuq din il-kawżali jrid isemmi

liema messha kienet il-liġi t-tajba li suppost ġiet applikata (ara ***Bernardette Gatt et v. Alessandro sive Sandro Cassano et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar, 2023).

16. Billi Chequers' Inn Operators Limited ma ndenjatx ruħha ssemmi l-artikoli tal-liġi li tħaddmu ħażin, din il-Qorti m'għandhiex għalfejn toqgħod tqis din il-kawżali ta' ritrattazzjoni.

17. Hekk ukoll, din il-Qorti m'għandhiex għalfejn toqgħod tqis il-kawżali taħt l-**Artikolu 811(k) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li tagħti lok għar-ritrattazzjoni, jekk wara s-sentenza, ikun instab dokument deċiżiv li ma setax jinkiseb waqt li kienet miexja l-kawża.

18. Dan hu hekk għas-sempliċi raġuni li fir-rikors tagħha għar-ritrattazzjoni, Chequers' Inn Operators Limited ma semmiet l-ebda dokument ġdid li saret taf bih wara l-għoti tas-sentenza u li ma kienx disponibbli fl-atti ta' din il-kawża.

19. Jiġi b'hekk, li anke din il-kawżali qiegħda tiġi mwarrba bħala waħda li saret fil-vojt, tant li għalkemm Chequers' Inn Operators Limited semmietha fir-rikors tagħha, hija baqgħet ma elaborat xejn dwarha fir-rikors.

20. Dwar il-kawżali tal-qerq taħt l-**Artikolu 811(a) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta**, huwa magħruf fil-ġurisprudenza illi biex talba fuq din il-kawżali tista' tiġi milqugħa hemm bżonn illi jintwera: (i) illi l-qerq użat kien tat-tali xorta li kien ixekkel milli wieħed jiddefendi lilu nnifsu (ara ***John Bugeja nomine v. Kummissarju tal-Artijiet***, Appell Superjuri tal-15 ta' Jannar, 2002); u (ii) illi l-qerq ġie eżerċitat minn parti kontra l-oħra u mhux sempliċement jikkonsisti f'xhieda qarrieqa ta' xhud li jissejjaħ fil-kawża (ara ***Anthony sive Tony Aquilina v. Av. Anthony Henry Farrugia nomine***, Appell Superjuri tas-16 ta' Frar, 2004).

21. Minbarra dan, il-qerq li jrid jintwera ma jridx joħroġ jew ikun marbut mal-mertu li jkun diġà ġie mistħarreġ fis-sentenza attakkata. Kif osservat fis-sentenza ***Ersilia Calleja et v. Franky Gambin***, Appell Superjuri tal-21 ta' Novembru, 1997, «*mhux konċepibbli allura l-qerq naxxenti mill-fatt u ċirkostanza li kienu għalkollox noti lill-persuna li suppost ġiet imqarrqa u li kienet konsapevoli tagħhom*».

22. Il-qerq ġudizzarju, fi kliem ieħor, irid ikun fil-proċeduri li wasslu għas-sentenza li jkun qed jintalab it-tħassir tagħha, u mhux jifforma l-mertu tal-kawża mismugħa u deċiża (ara ***Martin Xerri v. Joseph Rapa et***, Appell Superjuri tas-17 ta' Ġunju, 2013).

23. Lura għall-każ tagħna, Chequers' Inn Operators Limited tixli li mhux

minnu li bejnha u bejn Tarcisio Galea Construction Limited kien jeżisti ftehim ta' kirja tal-lukanda u għalhekk hija tgħid li din il-Qorti ġiet ingannata meta ġiet biex tagħti s-sentenza tagħha.

24. Iżda biex jirriżulta l-element tal-qerq għall-għanijiet tal-**Artikolu 811(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, mhux biżżejjed li Chequers' Inn Operators Limited tgħid li dan il-ftehim ma kienx jeżisti imma hija kien jeħtiġilha tipprova li l-konvenuti bi ħsieb u b'ingann żvijaw lil din il-Qorti fl-għoti tas-sentenza tagħha.

25. Din il-prova ta' qerq min-naħa tal-konvenuti ma tirriżultax fl-atti tal-kawża. Kemm hu hekk, minn paragrafi 17 u 19 tas-sentenza attakkata, jirriżulta li din il-Qorti waslet għall-fehma li dan il-ftehim kien tassew jeżisti mhux għaliex straħet fuq xi xhieda jew dokument provdut mill-konvenuti, iżda, wara li ħadet kont tas-sentenza ***Francis Galea nomine v. Anthony Mario Vella nomine (Ċitazz. Nru. 1433/1994)***, li ngħatat fit-18 ta' Ottubru, 2005, fejn fiha dan il-ftehim ġie rikonoxxut.

26. Ma tistax għalhekk Chequers' Inn Operators Limited tgħid li din il-Qorti ġiet ingannata mill-konvenuti fejn għandu x'jaqsam mal-ftehim tal-kiri tal-lukanda, ladarba fis-sentenza attakkata din il-Qorti qagħdet fuq sentenza ta' Qorti oħra, biex tistabbilixxi dan il-fatt.

27. Chequers' Inn Operators Limited iżda tgħid ukoll fir-rikors tagħha li ġie pperpetrat qerq mill-konvenuti għaliex ċerti atti ġew notifikati lilha f'indirizz differenti u kif ukoll għaliex hija qatt ma qabbdet lill-avukat tal-konvenuti sabiex iressaq risposta maħlufa fil-kawża numru 1119/90.

28. Bla ma tidħol fuq is-siwi ta' dawn iż-żewġ allegazzjonijiet, din il-Qorti qajla tista' tifhem kif dawn l-allegazzjonijiet jistgħu jwasslu għat-tħassir tas-sentenza attakkata. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li biex tgħodd id-dispożizzjoni tal-**Artikolu 811(a) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta** jeħtieġ li l-qerq proċedurali mwettaq ikun determinanti biex il-parti l-oħra tkun tilfet il-kawża (ara ***Emanuel Falzon v. Alfred Fenech***, Appell Superjuri tal-21 ta' Mejju, 2019). Sewwasew fil-każ tagħna, Chequers' Inn Operators Limited ħarġet rebbieħa u mhux telliefa fis-sentenza li hija stess trid li tiġi mħassra. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem xi żvantaġġ proċedurali setgħet ġarrbet Chequers' Inn Operators Limited, ladarba fil-mertu hija ħarġet rebbieħa.

29. B'żieda ma' dan, ma jistax jonqos li jingħad ukoll li dawn iż-żewġ fatturi ma kellhom l-ebda impatt jew effett fl-eżitu tas-sentenza attakkata. Fil-fatt dawn iż-żewġ fatturi lanqas biss jissemmew fis-sentenza attakkata.

30. Jiġi b'hekk, li anke l-kawżali tal-qerq ġudizzjarju qiegħda tiġi

mitħuda.

31. Imiss li tkun indirizzata l-kawżali marbuta mal-**Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan l-artikolu jipprovdi li hemm lok għar-ritrattazzjoni meta s-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

32. L-iżball ta' fatt li ssemmi Chequers' Inn Operators Limited huwa għal darb'oħra marbut mal-eżistenza tal-ftehim tal-lukanda. Hija tinsisti li għarbiel tajjeb tal-atti ta' din il-kawża u tal-atti tal-kawżi 1119/90 u 1708/1993 kellu jwassal lil din il-Qorti biex issib li ma kien jeżisti l-ebda ftehim bejn il-partijiet.

33. Din il-Qorti ma taħsibha xejn bħal Chequers' Inn Operators Limited f'dan l-aspett. Anzi ħarsa mirquma ta' dawn l-atti turi l-oppost ta' dak li hija qiegħda tgħid.

34. Fl-ewwel lok, l-eżistenza ta' dan il-ftehim bejn il-partijiet jista' jinstilet, kif qalet din il-Qorti fis-sentenza attakkata, mis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Ottubru, 2005, fil-kawża, ***Francis Galea nomine v. Anthony Mario Vella nomine (Ċitazz. Nru. 1433/1994)*** fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet iswed fuq l-abjad li permezz ta' kitba privata datata 12 ta' Awwissu, 1990 u ffirmata miż-żewġ naħat, Tarcisio Galea Construction

Limited kienet għaddiet għal żmien ta' ħames snin lil Chequers' Inn Operators Limited it-tmexxija tal-lukanda Chequer's Inn lejn il-ħlas ta' Lm70,000 kull sena. Kif ingħad din is-sentenza saret ġudikat għaliex għalkemm Chequers' Inn Operators Limited kienet appellat minn din is-sentenza, l-appell tagħha kien ġie abbandunat.

35. Fit-tieni lok, il-prova tas-siwi ta' dan il-ftehim toħroġ ukoll mill-fatt li Chequers' Inn Operators Limited kienet fit-8 ta' April, 2014, ċediet u ma komplietx il-kawża ***Anthony Mario Vella nomine v. Francis sive Tarcisio Galea nomine (Ċitazz. Nru. 1708/1993)***, fejn fiha hija kienet ippruvat tħassar dak il-ftehim.

36. Fl-aħħar lok, anke fis-sentenza mhux appellata mogħtija fit-28 ta' April, 2003, fil-kawża, ***Harry Cefai v. Francis sive Tarcisio Galea nomine (Ċitazz. Nru. 1119/1990)***, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet sabet li bejn Chequers' Inn Operators Limited u Tarcisio Galea Construction Limited kien intlaħaq forma ta' negozju li kien wieħed ta' kera.

37. Għalhekk anke din il-kawżali qiegħda tiġi miċħuda.

38. Fl-aħħar nett Chequers' Inn Operators Limited tgħid li hemm lok ta' ritrattazzjoni għaliex skontha l-Ewwel Qorti ma messhiex għalqet il-provi

tagħha fil-25 ta' Ġunju, 2004, għar-raġuni li l-avukat tagħha kien ġie kwarta tard.

39. Fil-fehma ta' din il-Qorti din l-aħħar raġuni wkoll ma tistax twassal għat-tħassir tas-sentenza attakkata u dan għal żewġ raġunijiet ewlenija.

40. Ibda biex, Chequers' Inn Operators Limited ma rabtitx dan l-argument ma' xi waħda mill-kawżali msemmija fl-**Artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Kif inhuwa sew magħruf, ir-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju u għalhekk din tista' ssir biss fil-każijiet stabbiliti fil-liġi, liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew analoġija (ara ***Mildred Ferrando v. Loris Bianchi pro et noe***, Appell Inferjuri fit-12 ta' Mejju, 2003 u ***Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika et***, Appell Superjuri tat-12 ta' Marzu, 2019).

41. Barra minn hekk, kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Assunta Spiteri v. Joseph Micallef et*** deċiża fit-30 ta' Lulju, 2010, «*Il-proċedura straordinarja ta' ritrattazzjoni mhix a dispożizzjoni ta' dawk li ma jkunux kuranti fil-kawża tagħhom.*»

42. Tassew, jekk Chequers' Inn Operators Limited ma qablitx mad-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li għalqilha l-provi tagħha, allura hija

messha talbet ir-revoka tiegħu permezz ta' appell speċifiku flimkien mar-rikors tal-appell li hija ressqet mis-sentenza finali. Ma tistax għalhekk Chequers' Inn Operators Limited tqajjem din il-kwistjoni fi proċedura ta' ritrattazzjoni, ladarba hija għażlet li ma tressaqx appell dwar dan l-aspett.

43. Din il-Qorti tagħlaq din is-sentenza billi tgħid li din l-azzjoni ta' ritrattazzjoni mressqa minn Chequers' Inn Operators Limited kienet waħda għalkollox fiergħa u vessatorja. Mhux biss l-azzjoni saret ta' kafkaf u ħafna drabi r-raġunijiet imressqa minnha kienu sajma minn kull argument serju, iżda agħar minn hekk, uħud mill-kawżali li tressqu lanqas biss kienu jissodisfaw il-ħtiġijiet minimi li titlob espressament il-liġi biex dawn ikunu jistgħu jiġu mistħarrġa. Huwa ċar li din l-azzjoni saret biss biex tgħid li saret u mhux għaliex Chequers' Inn Operators Limited kienet tassew temmen fiha.

44. Għalhekk meta wieħed iqis dan kollu, kif ukoll il-fatt li din it-tilwima issa ilha għaddejja sa mill-1994 u li din l-azzjoni, tajjeb jew ħażin, ħliet il-ħin ta' din il-Qorti, li kellha toqgħod tokkupa ruħha minnha minflok taħdem fuq kawżi oħra, huwa xieraq li dan jiġi rifless fil-kap tal-ispejjeż.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>**

it-talbiet kollha ta' Chequers' Inn Operators Limited għat-tħassir tas-sentenza tal-4 ta' Mejju, 2022, bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.

Minbarra dan, billi l-Qorti hija tal-fehma wkoll illi r-rikors għar-ritrattazzjoni ppreżentat minnha huwa att għalkollox fieragħ u vessatorju, il-Qorti, wara li rat il-**paragrafu 10 tat-Tariffa A** mehmuża mal-**Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta**, qiegħda tikkundanna lil Chequers' Inn Operators Limited tħallas lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali spejjeż addizzjonali ta' tmien mitt ewro (€800).

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R. Micallef<br>Aġent President | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da